



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2015/2275(INI)**

16.3.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi - l-involviment tal-UE man-NU u  
l-Unjoni Afrikana  
(2015/2275(INI))

Rapporteur għal opinjoni(\*): Paavo Väyrynen

(\* ) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li 1,5 miljun ruħ jgħixu f'reġjuni fraġli u milquta minn kunflitti u fi stati fraġli fid-dinja kollha, u li qegħdin jiżdiedu l-ispazji mhux iggvernati bil-konsegwenza li bosta persuni jispiċċaw f'qagħda ta' f'qagħda ta' faqar, illegalità, korruzzjoni u vjolenza bla rażan;
2. Jissottolinja n-neċessità ta' azzjonijiet esterni koordinati li jagħmlu użu mill-istrumenti ta' diplomazija, sigurtà u żvilupp biex terġa' tinġieb il-fiduċja u jingħelbu l-isfidi kkawżati mill-gwerer, mill-kunflitti interni, mill-insigurtà, mill-fraġilità u mit-tranżizzjoni;
3. Jilqa' l-għan li jiġu ċċarati l-limiti tal-involviment tal-UE f'operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi (PSOs) man-Nazzjonijiet Uniti (NU) u mill-Unjoni Afrikana (UA); ifakkar li l-baġit tal-UE ma jistax jintuża biex jiffinanzja operazzjonijiet militari jew ta' difiża b'mod dirett (Artikolu 41(2) tat-TUE); jikkritika l-fatt li bosta missjonijiet (militari) għaż-żamma tal-paċi qegħdin ikunu finanzjati mill-Fond għall-Paċi fl-Afrika (FPA), li jagħti prijorità ċara lis-sigurtà u lill-iskjerament ta' forzi militari u hu prinċipalment finanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; ifakkar bil-qawwa li l-objettiv prinċipali tal-politika ta' żvilupp tal-UE (Artikolu 208 tat-TFUE) huwa t-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar;
4. Jiddeplora l-fatt li 11 biss mit-28 Stat Membru hađu impenn fis-Summit tal-Mexxejja dwar iż-Żamma tal-Paċi tat-28 ta' Settembru 2015;
5. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza fil-PSOs tal-UE; jenfasizza li jekk jinqalgħu lmenti, inkluż fil-qasam finanzjarju, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet sħaħ; jenfasizza li għandhom jiġu mħarrka u kkastigati dawk responsabbli minn delitti li jinvolvu l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-isfruttament sesswali, il-vjolenza sesswali u t-traffikar tal-bnedmin, billi xi każijiet reċenti wrew ukoll l-involviment tal-operaturi tal-UE għaż-żamma tal-paċi; ifakkar fil-bżonn li t-titjib tal-finanzjamenti attwali tal-UE għall-PSOs ma jsirx askaptu ta' fondi oħra, partikolarment tal-fondi ddedikati għall-iżvilupp tal-pajjiżi fejn ikunu qed iseħħu l-PSOs; jissottolinja li l-UA jmissha tiegħu aktar responsabilità f'dik li hi s-sigurtà Afrikana, bis-sostenn tal-komunità internazzjonali; f'dan ir-rigward, jilqa' favorevolment id-deċiżjoni tal-UA, adottata fil-15 ta' Ġunju 2015, li talloka 25 % tar-riżorsi tagħha lill-baġit tal-UA għall-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi; jenfasizza li għandhom jissaħħu l-mekkaniżmi reġjonali; iqis li l-istrumenti ta' finanzjament u l-programmi reġjonali tal-UE jridu jintużaw b'mod koerenti, bi programmazzjoni konġunta aktar sistematika, bil-għan li tiġi żgurata l-effikaċja tal-azzjoni esterna tal-UE;
6. Jiddispijaċih li l-FPA għadu sal-lum ifffinanzjat prinċipalment bis-saħħa tal-FEŻ, filwaqt li diġà fl-2003, meta kien stabbilit il-FPA, kien ċar li l-finanzjamenti tiegħu kellhom ikunu provviżorji; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta fl-okkażjoni tar-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE biex tintegra l-finanzjament tal-FPA fil-baġit tal-UE, jekk possibbli permezz ta' strument ġdid għall-bini ta' kapaċitajiet fis-settur tas-sigurtà; iqis li dan il-metodu ta' finanzjament kieku jsołvi l-problemi attwali relatati mal-eleġibilità ta' xi nefqa tal-FPA;

7. Jissottolinja l-bżonn li s-SEAE jiżviluppa approċċ ferm aktar effiċjenti u strateġiku fil-konfront tal-aġenziji tan-NU, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji esterni; jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lid-delegazzjonijiet tal-UE rilevanti fir-reġjuni instabbli jiżguraw li l-għajnuna tal-UE tkun aktar viżibbli għall-poplu fuq il-post;
8. Jemmen li l-paċi u s-sigurtà huma prerekwiżiti neċessarji għall-iżvilupp; jissottolinja l-importanza li jiġu affrontati l-kawżi profondi tal-kunflitti, u jappella għal pjan komprensiv biex jissaħħu l-politiki ta' żvilupp sostenibbli bil-għan li jiġi żgurat żvilupp fit-tul; ifakkar fil-bżonn li jingħataw strumenti li bis-saħħa tagħhom isir progress ċar lejn id-demokrazija u l-valuri demokratiċi bħall-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, flimkien ma' ekonomija sostenibbli u soċjetà stabbli; josserva li l-prevenzjoni tal-kunflitti ċivili u l-attivitajiet ta' konsolidament tal-paċi ma jistgħux ikunu traskurati favur il-paċi u s-sigurtà bħall-azzjonijiet militari u l-ġestjoni tal-kriżijiet fit-terminu qasir; jenfasizza l-bżonn ta' pjan komprensiv dwar iż-żoni ta' kunflitt u l-inħawi ta' madwarhom, bil-ħsieb li ma jitħallewx jitfaċċaw kunflitti ġodda; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir użu sħiħ tas-sistema ta' twissja bikrija;
9. Jiddispijaċih bil-fatt li pjuttost spiss l-operazzjonijiet ta' "żamma tal-paċi" huma intiżi biss għaż-żamma instabbli ta' sigurtà superfiċjali; iħeġġeġ rikunsiderazzjoni profonda tal-kunċett, tal-istruttura u saħansitra tal-isem ta' dawn l-operazzjonijiet; itenni u jissottolinja bil-qawwa l-bżonn li jitfasslu operazzjonijiet realment intiżi li jaffrontaw l-għeruq fondi tal-gwerra, tal-instabilità u tas-sottożvilupp f'reġjun partikolari u li dawn jiġu mgħammra b'livell għoli ta' reżiljenza;
10. Jitlob f'dan il-kuntest li s-sostenn mill-UE lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) għandu jkun karatteristika aktar prominenti fis-sħubijiet kollha, u li għandu jkun integrat impenn strateġiku akbar fil-konfront tal-OSĊ fl-istrumenti u fil-programmi esterni kollha u fl-ambiti kollha tal-kooperazzjoni, partikolarment fil-qafas tal-aġenda għall-paċi u għas-sigurtà; ifakkar li l-Kunsill irrikonoxxa r-rwol essenzjali tal-OSĊ f'dan il-kuntest;
11. Jiġbed l-attenzjoni għat-theddida li joħolqu ż-żieda fit-terroriżmu fl-Afrika kif ukoll it-tkattir tal-gruppi terroristiċi, bħal Boko Haram; Jissottolinja l-importanza ta' appoġġ favur politika kontra t-terroriżmu effikaċi u sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll tal-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi għaż-żgħażaġh qiegħda, li faċilment jiġu reklutati mill-gruppi terroristiċi;
12. Ifakkar li l-vjolenza sesswali tintuża bħala arma tal-gwerra f'bosta żoni ta' kunflitt; jenfasizza li n-nisa u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli waqt il-kunflitti; jissottolinja l-eżiġenza tagħhom li jkunu protetti, bis-sostenn ta' forzi armati mħarrġa li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem;
13. Ifakkar li, fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli l-ġdida, il-paċi ġiet rikonoxxuta bħala komponent essenzjali għall-iżvilupp u li ġie introdott l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli nru 16 dwar il-paċi u l-ġustizzja;
14. Jenfasizza l-bżonn ta' approċċ koerenti u komprensiv fil-konfront tal-paċi, tal-istabilità u tal-iżvilupp; jissottolinja bil-qawwa l-bżonn li jiġu affrontati l-kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp fi prospettiva fit-tul, billi jitgħarblu l-kawżi profondi tal-problema, iżda

jikkundanna bil-qawwa t-tentattiv li jintużaw fondi allokatati għall-iżvilupp bil-għan li tittieħed azzjoni f'ambiti differenti – anki jekk relatati – b'has-sigurtà u l-paċi;

15. Ifakkar fl-importanza fundamentali tad-diżarm – b'attenzjoni partikolari lill-għellieda mhux militari u lit-truppi irregolari – biex jinkisbu l-għanijiet ta' stabilità u żvilupp;
16. Jenfasizza l-hteġa li l-PSOs jitqiesu bħala proċess uniku li jinkludi l-prevenzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-konsolidament tal-paċi u l-iżvilupp ta' wara l-kunflitti; iqis li l-azzjoni esterna tal-UE f'pajjiżi fraġli u milquta minn kunflitti għandha tkun ikkonċentrata fuq il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-bini tal-kapaċitajiet bħala sostenn għas-sigurtà u għall-iżvilupp, biex b'hekk tindirizza l-kawżi profondi tal-instabilità; ifakkar fil-hteġa ta' sostenn favur ir-riformi fis-settur tas-sigurtà biex tiġi garantita l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet u s-sigurtà tal-investimenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jenfasizza l-bżonn ta' approċċ olistiku għall-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi min-NU, mill-UA, mill-UE u minn atturi oħrajn;
17. Jinsisti fuq l-importanza ta' djalogu politiku kostanti bejn l-UE u l-UA dwar l-isfidi fil-qasam tal-paċi u sigurtà u l-mod kif jiġu konsolidati fit-tul ir-riżultati reċenti tal-FPA;
18. Jissottolinja li għandha titpoġġa enfasi fuq l-isforzi ta' politika f'termini politiċi, umanitarji u ta' żvilupp, sostnuti minn operazzjonijiet ċivili ta' żamma tal-paċi, u li l-appoġġ mill-atturi u mill-kapaċitajiet militari għandu jitqies biss meta ma jkunx fadal alternattivi oħra; jirrakkomanda li ż-żamma tal-paċi militari tkun parti minn approċċ komprensiv usa' li jqis il-korrelazzjoni bejn is-sigurtà u l-iżvilupp u li għandha tkun koordinata ma' politiki umanitarji u ta' żvilupp, kemm matul l-operazzjonijiet, biex tgħin ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt, kif ukoll wara, biex tagħmel is-soluzzjoni sostenibbli; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt għandhom dejjem ikunu parti kostruttiva tat-tħarriġ tat-truppi; jissottolinja li l-eżiġenzi umanitarji għandhom jiġu sodisfatti fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tal-bżonnijiet bir-reqqa;
19. Josserva b'inkwiet kbir u jiddispjaċih bin-numru konsiderevoli ta' każijiet ta' sfruttament sesswali u prostituzzjoni furzata tan-nisa, kif ukoll ta' prostituzzjoni u traffikar tat-tfal, li spiss jipproliferaw matul jew immedjatament wara l-operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti kollha – partikolarment meta l-UE tkun involuta f'dawn l-operazzjonijiet – jagħmlu kull sforz biex b'urġenza jtemmu dan il-ksur, jipproteġu lill-vittmi, iħarrku lil min hu responsabbli u jqiegħdu lid-drittijiet tal-bniedem fil-qalba ta' kwalunkwe inizzjattiva mwettqa fil-qafas tal-operazzjonijiet imsemmija.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.3.2016
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 18 -: 5 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Louis Aliot, Nicolas Bay, Ignazio Corrao, Doru-Claudian Frunzulică, Nathan Gill, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Pedro Silva Pereira, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Juan Fernando López Aguilar, Louis-Joseph Manscour, Paul Rübig, Jan Zahradil, Joachim Zeller
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michèle Rivasi, Estefanía Torres Martínez